MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 24/2002

**Avviz numru 24/2002**

**Jonathan Roger Portelli**

**-vs-**

**Dr Nerissa Gatt**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn l-attur li talab il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ somma li tigi likwidata minn din il-Qorti in linea ta’ danni minnu sofferti, rizultanti mill-incident stradali li gara fil-21 ta’ April 2001 fir-Rabat, Ghawdex fir-

roundabout fi triq Mgarr meta l-konvenuta b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kienet qed issuq il-karozza Polo numru ta' registrazzjoni NER 112, harget minn Triq San Leonardu, fejn hemm stop sign ghal gor-roundabout u dahlet fl-attur li kien qed isuq l-karozza tieghu Peugeot numru ta' registrazzjoni ABI 308 li dak il-hin kien fir-roundabout, u kkagunatlu danni kbar fiha - u dana okkorrendo previa d-dikjarazzjoni illi l-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi.

Ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat illi d-danni pretizi ma jaqbzux is-somma ta' Lm5000.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Novembru 2001 u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. illi dak li talab l-attur ghandu jigi michud, bl-ispejjez kontra tieghu ghax ghall-incident stradali in kwistjoni kien jahti l-istess attur.

2. salvi eccezzjonjiet ohra permessi mil-ligi.

3. b'riserva ghar-rigward tad-danni mgarrba mill-konvenut.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Il-kawza titratta incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' April 2001 mar-roundabout ta' Triq l-Mgarr, Rabat, Ghawdex. Il-hin kien fil-ghaxija ghall-habta tal-ghaxra neqsin ghoxrin minuta. Involuti f'dan l-incident kienu l-vettura tal-attur tal-marka Peugeot numru ta' registrazzjoni ABI 308 u dik tal-konvenuta tal-marka Polo numru ta' registrazzjoni NER 112. Il-kontendenti fil-hin tal-incident

kienu qed isuqu l-vetturi taghhom rispettivi. Iz-zewg vetturi sofrew danni estensivi kif evidenzjat mir-ritratti esebiti in atti.

L-attur xehed li hu fil-hin tal-incident kien qieghed jittransita mar-rounabout in kwistjoni u kien qieghed jimmanuvra l-istess sejjer fid-direzzjoni tal-Mgarr. Il-konvenuta da parti taghha jirrizulta li kienet qeghdha issuq fi Triq St Leonard meta hi wkoll harget ghal fuq ir-roundabout. Hawnhekk il-vetturi habtu go xulxin.

L-iskizz esebit in atti jaghti kredenza lill-attur fis-sens li juri li hu kien gia dahal u kien qieghed jimmanuva r-roundabout fil-waqt li fegget l-konvenuta minn Triq San Leonardo ghal fuq l-istess roundabout di piu’ minn fuq ‘stop sign’ li hemm fl-imsemmija Triq San Leonardo qabel ma wiehed jidhol mar-roundabout. M’ghandux ghalhekk ikun hemm ebda dubbju li ghall-incident tahti unikament u eskussivament l-konvenuta.

Stabbilita r-responsabilita’ ghall-incident u fir-rigward il-likwidazzjoni tad-danni sofferti fil-vettura tal-attur l-konvenuta ma ikkontestatx il-kontijiet tal-istess danni esebiti mill-attur li in linea di massima huma konformi mas-survey maghmul mis-socjeta’ assikuratrici taghha. Li l-konvenuta qeghdha tikkontesta hu l-ammont ta’ tnejn u sebghin lira Maltin (Lm72)  import ta’ VAT fin-nuqqas ta’ ricevuta apposita. Effettivament m’hemm ebda ricevuta f’dan is-sens li giet esebita ghalkemm jirrizulta li l-import tal-VAT huwa f’din is-somma.

Tiddeciedi, ghalhekk, fil-waqt li tilqa’ t-talbiet tal-attur, billi tillikwida l-ammont ta’ danni minnu sofferti fl-ammont ta’ Lm1051.87 (elf wiehed u hamsin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmi). Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta thalsu dan l-ammont hekk likwidat in aggunta ghal-Lm72 (tnejn u sebghin lira Maltin) f’kaz biss li l-attur ikun esebixxa l-ircevuta fiskali relattiva f’dawn l-atti.

Dwar l-ispejjez tal-kawza dawn ghandhom ikunu  a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------